MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1902/1999/1

***L'Onda Limited***
***vs***
***Ocean Way Company Limited***

Il-Qorti,

B' att tac-citazzjoni prezentata fil-25 ta' Awissu 1999. Is-socjeta' attrici, wara li **ppremettiet** li: hi tiggestixxi impriza tas-sajd;

U peress illi fil-25 ta' Awissu 1997 is-socjetajiet kontendenti dahlu fi ftehim li bih is-socjeta' konvenuta bieghet u trasferiet lis-socjeta' attrici, li xtrat u akkwistat il-lanca bl-isem *La Onda*, licenzjata mal-Fisheries Department bl-ittra "F" numru mitejn u disgha u disghin (F299) u bin-numru ufficjali tal-*Malta Maritime Authority* hamest' elef erba' mija u sitta u ghoxrin (5426) inkluzi l-

magna *Kelvin U K* ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u sebghin (1978), radjijiet VHF u SSV bil-*call sign* disgha ittra “H” hamsa sebgha erbgha sitta u komprizi wkoll il-wincijiet, xbieki, *depth finder* u t-taghmir tan-navigazzjoni relattiv;

U peress illi s-socjeta’ konvenuta ipprovdiet il-lanca u s-socjeta’ attrici accettata sabiex l-istess socjeta’ attrici tkun tista’ tizaha fin-negozju tas-sajd fl-ibhra territorjali ta’ Malta u lill-hinn mill-istess ibhra territorjali, u dan anke taht assigurazzjonijiet ta’ idoneita’ tal-lanca kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U peress illi rrizulta li l-lanca ma kenitx tajba ghan-negozju li ghalih inbieghet peress illi kellha difetti li dolozament inhbew mis-socjeta’ konvenuta u minn ufficcjali taghha biex b’hekk is-socjeta’ attrici giet ingannata;

U peress illi minhabba d-difetti msemmija s-socjeta’ attrici ma setghetx tiggestixxi n-negozju taghha;

U peress illi minhabba d-difetti msemmija s-socjeta attrici kellha taghmel diveri spejjez ohra li ma kienux previsti;

U peress illi s-socjeta’ attrici sofriet danni kbar minhabba l-agir tas-socjeta’ konvenuta u ta’ ufficjali ta’ l-istess socjeta konvenuta;

U peress illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghall-likwidazjoni u hlas ta’ danni kawzati lis-socjeta’ attrici, izda baqghet inadempjenti;

**Talbet** li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddikjara illi bl-agir taghha kif fuq deskritt is-socjeta’ konvenuta kkawzat danni lis-socjeta’ attrici;

Tillikwida, okkorrenda bl-opra ta’ periti nominandi, d-danni kawzati bl-imsemmi agir tas-socjeta’ konvenuta, jew ufficjali taghha;

Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas l-is-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati;

Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess socjeta' u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici prezentata fit-2 ta' Lulju 2001 fejn in linea preliminari u *inter alia* eccepiet: Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess socjeta' u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-seduta tal-llum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta' konvenuta qeda tibbaza l-eccezzjoni taghha fuq il-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 1431 tal-Kap.16 li jimponi termini ta' dekadenza ghall-esercizju tal-azzjonijiet mgharufa bhala *actio redhibitoria* u *actio aetimatoria* defeniti fl-artikolu 1427 tal-istess Kap.

Illi dawn iz-zewg azzjonijiet jippresupponu difett latenti f' oggett li jkun gie mibjugh, u huma intizi sabiex, fil-kaz tal-*actio redhibitoria*, il-kompratur jkun jista' jirritorna l-oggett mibjugh u jiehu lura l-prezz imhallas minnu; u fil-kaz tal-*actio aetimatoria*, l-iskop taghha huwa li l-kompratur jkun awtorizzat li jzomm l-oggett mixtri minnu u jigi ritornat lilu parti mill-prezz. L-imsemmi Artikolu 1431, indikat mis-socjeta' konvenuta, jimponi termini li fih jistghu jingiebu dawn l-azzjonijiet.

Illi pero’ l-azzjoni promossa mis-socjeta’ attrici la hi wahda redhibitoria u lanqas aetimatoria, imma hija azzjoni ghall-hlas ta’ danni li skond l-istess socjeta’ din sofriet minhabba l-agir tas-socjeta’ konvenuta; liema materja hi regolata bid-dispost tal-Artikolu 2153 li jikkontempla l-preskrizzjoni bijennali f’ dawk il-kazijet fejn id-danni huma rizultat ta’ azzjoni li mhix wahda kriminuza.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta kif proposta ma tistax treggi.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad din l-eccezzjoni, bl-ispejjez a kariku tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------